MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 994/2004

**Jolly Casa Limited**

**vs**

**Angela u Joe konjugi Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmien liri Maltin (Lm308.00) u fejn intqal :**
**Illi l-konvenuti Muscat kienu ffirmaw erba' (4) kambjali ta' sebgha u sebghin liri Maltin (Lm77.00) il-wahda a favur u pagabbli lis-socjeta' attrici, liema kambjali skadew rispettivament fit- 30 ta' Mejju, 2003, fit-30 ta' Gunju, 2003, fit-30 ta' Lulju, 2003 u fit- 30 ta' Awissu, 2003 (ara kopji annessi mal-avviz u mmarkati minn Dok. J1 sa Dok. J4).**
**Illi ghalkemm debitament interpellati diversi drabi sabiex jonoraw l-istess, il-konvenuti baqghu nadempjenti.**

**Ghaldaqstant il-konvenuti qeghdin jigu mharrka sabiex ighidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mija u tmien liri Maltin (Lm308.00), import ta' erba' (4) kambjali ta' sebgha u sebghin liri Maltin (Lm77.00) il-wahda ffirmati minnhom u li skadew rispettivament fit-30 ta' Mejju, 2003, fit-30 ta' Gunju, 2003, fit-30 ta' Lulju, 2003 u fit-30 ta' Awissu, 2003.**
**Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluz dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-14 ta' April, 2003, u tat-28 ta' Jannar, 2004, u tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2003, u ta' April, 2004, u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali msemmmija kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti prezentata mis-socjeta` attricic fil-15 ta' Gunju, 2004. Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi it-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmien liri Maltin (Lm308.00) bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-14 ta' April, 2003, u tat-28 ta' Jannar, 2004, u tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2003, u ta' April, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------